

32001L0031

12.5.2001

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 130/33

## ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2001/31/KE

tat-8 ta' Mejju 2001

li tadatta għall-progress tekniku d-Direttiva tal-Kunsill 70/387/KEE dwar il-bibien tal-vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE tas-6 ta' Frar 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom <sup>(1)</sup>, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2000/40/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 13(2) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 70/387/KEE tas-27 ta' Lulju 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jikkonċernaw il-bibien ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom <sup>(3)</sup>, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 98/90/KE <sup>(4)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 70/387/KEE hija waħda mid-Direttivi separati tal-proċedura ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE stabbilita bid-Direttiva 70/156/KEE. Għalhekk, id-disposizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 70/156/KEE dwar is-sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati tal-vetturi japplikaw għal din id-Direttiva.
- (2) Id-Direttiva 98/90/KE introduċiet ħtiġiet ta' disinn għat-turġien u għall-imqabad ta' l-idejn tal-kabini biex tkun imtejba s-sigurtà tal-persuni li jidħlu jew joħorġu mill-kompartiment tas-sewwieq ta' ċerti vetturi tqal tal-merkanzija.
- (3) Ċerti disinji tal-kabini li huma diġà fis-suq ma jistgħux ikunu konformi mal-kriterji speċifiċi introdotti bid-Direttiva 98/90/KE, għalkemm il-livell ta' sigurtà tagħhom huwa meqjus bħala wieħed ekwivalenti. Hu għalhekk meħtieġ li jkunu rfinati aktar il-kriterji tekniċi biex ikunu jistgħu jiġu awtorizzati disinji ta' kabini bħal dawn.
- (4) Il-miżuri li hemm provediment dwarhom f'din id-Direttiva huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat dwar l-Adattament għall-Progress Tekniku stabbilit bid-Direttiva 70/156/KEE,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

## Artikolu 1

L-Anness III tad-Direttiva 70/387/KEE huwa emendat b'konformità ma' l-Anness ta' din id-Direttiva.

## Artikolu 2

1. B'effett mill-1 ta' Ottubru 2001, l-Istati Membri ma jistgħux minħabba raġunijiet marbuta mal-bibien ta' vetturi:

- jirrifjutaw, rigward xi tip ta' vettura, li jagħtu l-approvazzjoni tat-tip tal-KE jew l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali, jew
- jipprojbixxu l-bejgħ, ir-reġistrazzjoni, jew id-dħul fis-servizz ta' vetturi,

jekk il-vetturi jkunu konformi mal-ħtiġiet tad-Direttiva 70/387/KEE, kif emendata b'din id-Direttiva.

2. B'effett mill-1 ta' Diċembru 2001, l-Istati Membri:

- m'għandhomx jagħtu aktar l-approvazzjoni tat-tip tal-KE, u
- jistgħu jirrifjutaw li jagħtu l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali, għal tip ġdid ta' vettura minħabba raġunijiet marbuta mal-bibien ta' vetturi jekk il-ħtiġiet tad-Direttiva 70/387/KEE, kif emendat b'din id-Direttiva, ma jkunx hemm konformità magħhom.

## Artikolu 3

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 2001. Huma għandhom jinfurmaw minnufih lill-Kummissjoni dwar dan.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-disposizzjonijiet, dawn għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b'din ir-referenza fl-okkazzjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha tkun magħmula din ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni it-test tad-disposizzjoniet ewlenija tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

## Artikolu 4

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

## Artikolu 5

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-8 ta' Mejju 2001.

Għall-Kummissjoni

Erkki LIIKANEN

Membru tal-Kummissjoni

<sup>(1)</sup> ĠU L 42, tat-23.2.1970, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 203, ta' l-10.8.2000, p. 9.

<sup>(3)</sup> ĠU L 176, ta' l-10.8.1970, p. 5.

<sup>(4)</sup> ĠU L 337, tat-12.12.1998, p. 29.

## ANNEX

L-Anness III tad-Direttiva 70/387/KEE huwa emendat kif ġej:

1. Is-sentenza li ġejja għandha tiżdied mal-punt 1.2:

“L-aħħar ħtieġa m'għandhiex tapplika għad-distanza bejn it-tarġa ta' fuq nett u l-paviment tal-kabina.”

2. Is-seba' inċiż tal-punt 1.3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“— Sovrapposizzjoni lonġitudinali (J) bejn żewġ turġien sussegwenti fl-istess taraġ, jew bejn it-tarġa ta' fuq nett u l-paviment tal-kabina... 200 mm.”

3. Il-frażi introduttorja tal-punt 2.2.3 hija sostitwita b'dan li ġej:

“B'żieda ma dan, id-distanza minima (P) tax-xifer ta' fuq tal-poġġaman(i) jew ta' l-imqabad ta' l-idejn jew mezzi ta' qbid ekwivalenti mill-paviment tal-kompartiment tas-sewwieq għandha tkun...”

---